**1 ta' Marzu, 1988**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Hugh W. Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S. – President**
**Onor. Carmelo Scicluna LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Tabib Joseph R. Grech

*versus*

Kummissarju tal-Pulizija

## Impjegat – Inkompetenza – Danni – Responsabbilità ta' Min Iħaddem

*Kull min għal xi xogħol jew servizz ieħor iqabbad persuna mhux ta' ħila jew illi hu ma jkollox raġun jaħseb li hija ta' ħila, hu obbligat għall-ħsara illi dik il-persuna, minħabba n-nuqqas ta' ħila tagħha, tikkaġuna lil ħaddieħor fl-esekuzzjoni tax-xogħol jew servizz hawn fuq imsemmi.*

Il-Qorti: –

Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur ippreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li biha premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni;

Peress illi nhar it-Tlieta, 12 ta' Jannar, 1982 fl-*Airport* ta' Ħal-Luqa għall-ħabta tad-9.30 ta' fil-għodu l-attur, it-Tabib *Joseph* R. *Grech*, fil-waqt li kien ser imsiefer għall-skopijiet ta' xogħol u ċjoè sabiex jaqdi d-dmirijiet tiegħu ta' uffiċjal mediku barra minn Malta ġie abużivament u llegalment miżmum u impedut milli jsiefer u jħalli dawn il-Gżejjer minn xi uffiċjali tal-korp tal-Pulizija;

Peress illi dan l-aġir illegali u abusiv ikkawża u għad jista' jikkawża danni konsiderevoli lill-attur, għal liema danni huwa unikament responsabbli *l-konvenut;*

Peress illi l-konvenut ġie interpellat anke uffiċjalment sabiex jersaq għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni kollha sofferti sallum mill-attur in konsegwenza ta' l-aġir illegali fuq indikat, iżda l-istess konvenut baqa' inadempjenti;

Talab li dik il-qorti (1) tiddikjara lill-istess konvenut *responsabbli għad-danni kollha sofferti mill-attur in konsegwenza* ta' l-aġir abusiv u llegali fuq indikat; (2) tillikwida l-istess danni sofferti mill-attur anke okkorrendo permezz ta' periti nominandi għal dan l-iskop; u (3) tikkundanna lill-konvenut għall-ħlas tad-danni hekk likwidati lill-attur;

Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra bonarja tat-18 ta' Jannar, 1982, ta' l-ittra uffiċjali tad-29 ta' Jannar, 1982 kontra l-konvenut. B'*riserva għal kwalunkwe azzjoni oħra kompetenti* lill-attur, inkluża dik għall-ħlas ta' danni ulterjuri u futuri;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur u l-lista tax-xhieda tiegħu;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut fejn eċċepixxa illi (1) l-esponent qatt ma ta xi ordni biex l-attur jiġi impedut milli jsiefer sakemm ma kienx hemm *in vigore* xi mandat ta' impediment tas-safar jew xi *provisional arrest warrant;* (2) illi biex isir kontroll fuq min jista' jew ma jistax joħroġ minn Malta l-esponent qiegħed nies kapaċi għal dak ix-xogħol u mhix qiegħda tiġi allegata l-ebda negliġenza da parti ta' l-esponent fl-għażla jew fis-superviżjoni ta' dawk in-nies u għalhekk ma tista' tiġi imputata l-ebda responsabbilità lilu jekk xi ħadd b'nuqqas jew żvista għamel dak li l-attur qed jallega li sar fiċ-ċitazzjoni;

*Omissis;*

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut u l-lista tax-xhieda tiegħu;

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla ta' l-Onorabbli Qorti Ċivili mogħtija fil-25 ta' Frar 1986 li biha laqgħet it-talbiet attriċi kif dedotti fiċ-ċitazzjoni, illikwidat id-danni subiti għall-ammont ta' elf erba' mija u sitta u tmenin lira Maltin u tmenin ċenteżmu (Lm1486.80c) u kkundannat lill-konvenut fil-kwalità ta' Kummissarju tal-Pulizija jħallas dan l-ammont hekk likwidat lill-attur, oltre l-ispejjeż kollha ġudizzjarji u billi ma ġiex ippruvat li hemm lok għal talbiet ulterjuri ta' danni oħra konsegwenzjali l-aħħar riserva mitluba mill-attur ma ġietx milqugħa, u dana wara li kkunsidrat:

*Omissis;*

Fil-mument taż-żamma ta' l-attur mill-Pulizija ta' Malta f'Ħal-Luqa ma kien hemm ebda impediment ta' safar tal-persuna

kontra tiegħu, la ċivilment u l-anqas kriminalment. Li ġara hu li preċedentement kien inħareġ u ġie esegwit Mandat simili ta' natura ċivili kontra l-attur in konnessjoni ma' proċeduri f'kawża istitwita minn martu, u milli jidher il-kanċellament sussegwenti ta' dan il-mandat – kif ser jingħad aktar tard – ma ġiex trasmess kif suppost lill-uffiċjali kollha inkarigati mit-Taqsima ta' l-Immigrazzjoni f'Ħal-Luqa;

*Omissis;*

Il-kwistjoni ewlenija għalhekk hi dwar il-posizzjoni bħala konvenut tal-Kummissarju tal-Pulizija. Il-konvenut sostna li hawn *non si trattava* ta' *culpa in eligendo* imma jekk kien hemm xi ħtija din kienet ta' l-uffiċjali tal-pulizija kkonċernati – nies li huwa jgħid li kienu kapaċi f'xogħlhom;

Id-dottrina rigwardanti *culpa in eligendo* ġiet mistħarrġa f'diversi każi li dehru quddiem dawn il-Qrati minn żmien għall-ieħor. Il-posizzjoni fil-liġi tagħna ġiet imtennija fil-każ importanti fl-ismijiet **"Cassar Desain vs Forbes *nomine*"** deċiż mill-Qorti ta' l-Appell fis-7 ta' Jannar, 1935 fejn *inter alia* ġie ritenut illi:

*"Our case law..... is unanimously to the effect that the Crown, like every other employer of labour, is not responsible for torts committed or damages caused by persons in its service, whom it engaged without having any reasonable ground to consider them unfit for that particular service – that is to say, all employers of labour, the Crown included, are responsible only for culpa in eligendo i.e. the fault in choosing and appointing persons that are or may reasonably be presumed to be incompetent to carry out the work entrusted to them"* (Ara wkoll id-deċiżjoni ta' l-istess Qorti *in re:* **Vincenzo Gasan vs *The Hon.***

***Fco. Vella*** C.M.G. 1901 kif ukoll **Zammit *vs* Sill, Prim'Awla ċivili** tal-21 ta' Mejju, 1910);

Issa huwa minnu li minn imkien ma jirriżulta li l-Kummissarju tal-Pulizija ta xi ordni speċifika fil-konfront ta' l-attur biex dan ma jitħalliex isiefer. Il-malintiż li nqala' kif diġà ngħad, kien konsegwenza ta' proċeduri ċivili istitwiti minn mart l-attur. Irriżulta iżda li l-attur kien diġà ġibed l-attenzjoni tal-Pulizija inkarigati li huwa ma kienx għadu kolpit bil-mandat in kwistjoni. Fil-fatt l-attur kien diġà nqalatlu l-istess ħaġa preċedentement iżda tħalla jsiefer fuq assigurazzjoni personali. Meta ġie lura Malta però sab ruħu arrestat u sussegwentement meħlus. Biex ma jkollux ripetizzjoni l-attur mar kellem lill-Ispettur Brincat personalment. L-attur kompla hekk:

"Dan (l-Ispettur Brincat) kien jaf b'li ġara u skuża ruħu, u jien informajtu li ma kellux bżonn, għax żball kulħadd jieħdu";

Sfortunatament però meta l-attur ħtieġlu jerġa' jsiefer fit-12 ta' Jannar, 1982, ċjoè x-xahar ta' wara, reġa' nżamm;

L-attur xehed hekk:

"Jiena ppruvat bil-kwiet kollu li kien hemm żball u urejt mill-passaport li kien f'idejh jien kont diġà sifirt b'dak l-impediment. Is-Surġent beda jirrabja u jisħon u assolutament ma riedx jaf b'li għidtlu, li l-Ispettur Brincat kien jaf bil-każ u li seta' jiċċekkja miegħu l-*Headquarters*....." (ara xiehda a fol. 20);

X'ħin wasal l-Ispettur Brincat, l-ajruplan li kellu jsiefer miegħu l-attur kien tar. Ċertament is-suespost juri b'mod

lampanti l-inkompetenza tas-Surġent in kwistjoni. M'hux skużat bil-fatt li s-superjur tiegħu ma kienx preżenti dak il-ħin;

L-attur jinsab sostanzjalment korroborat mill-Ispettur Brincat. Għandu iżda jingħad ukoll li fil-ħin meta daħal in xena dan l-uffiċjal tal-Pulizija huwa fil-fatt kien *"on duty"*;

Il-Maġġur tal-Pulizija Joseph Sammut (ara fol. 38) xehed li għalkemm hu **ma kienx *on duty*** sab lill-Ispettur Brincat u P.S. 307 *Joseh Calleja "qed jikkustinjaw fuq impediment tas-*safar ta' natura ċivili....." Mir-*records* li kellhom Ħal-Luqa jgħid dan ix-xhud, kien jidher illi l-mandat ta' impediment li kien oriġinarjament maħruġ kontra l-attur kien għadu *in vigore* u ma ġiex imneħħi;

Dan ovvjament juri li xi ħadd, x'imkien, għamel żball ta' *ommissjoni, ta' l*-anqas skond *l*-istess *Pulizija*;

Il-Maġġur Sammut kompla jgħid li "l-unika tagħrif li kien waslilna mis-*Central Immigration*, mill-*Headquarters,* kien illi l-attur kien għadu miżmum..... Ġeneralment din l-informazzjoni jirċeviha l-Pulizija li jkun addett mat-*telephone,* Ħal-Luqa";

Barra l-inkompetenza tas-Surġent inkarigat li naqas milli jirrisolvi l-kwistjoni fi żmien propizju kien hemm nuqqas ukoll mill-Kwartieri Ġenerali. Di fatti, skond il-Maġġur Sammut (ara xiehda in ri-eżami a fol. 40):

"Sa fejn naf jien qatt ma ġara li waslet informazzjoni biex jikkanċellaw *xi isem minn din il-lista u dan il-kanċellament ma* sarx";

Xehed imbagħad P.S. 307 Joseph Calleja, il-persuna ċjoè li effettivament żammet lill-attur milli jsiefer. Dan qal ċar u tond li skond il-lista tagħhom l-attur kien għadu kolpit b'mandat u ma kellhomx alternattiva ħlief li jżommuh milli jsiefer. Dan iżda mhux korrett sa barra għax li kieku l-itess Surġent ra kif għamel u vverifika ma' l-Ispettur Brincat, il-kwistjoni kienet tiġi risoluta;

*Mistoqsi jekk ġiex muri xi timbru li juru li reċentement għal* dik id-data l-attur kien siefer qabel jew le, ix-xhud irrisponda li ma setax jiftakar;

Mis-suespost jirriżulta illi:

(1) Għalkemm l-attur ma kienx aktar miżmum b'mandat ta' impediment ta' safar tal-persuna ta' natura ċivili, huwa xorta safa miżmum minn uffiċjali *tal-Pulizija*;

(2) Illi l-Ispettur Brincat kien ġie avżat minn qabel mill-attur biex ma jiġrix proprju dak illi ġara u ngħata assigurazzjoni li ma kienx ser ikollu ripetizzjoni ta' l-inċident;

(3) Illi isem l-attur ma ġiex ikkanċellat mir-Reġistru tal-Pulizija nonostante din l-assigurazzjoni;

(4) Illi t-tagħrif biex jiġi effettwat il-kanċellament mis-*Central Immigration* li jinsab fil-kwartieri Ġenerali tal-Pulizija x'aktarx li ma għaddiex Ħal-Luqa;

(5) Illi l-uffiċjali inkarigati – l-Ispettur Brincat, P.S. Joseph Calleja in partikolari – naqsu milli jikkonsultaw lil xulxin fuq il-kwistjoni f'temp qasir biżżejjed biex l-inċident jiġi risolut malajr – u fiċ-ċirkostanzi tali aġir jammonta għal inkompetenza

kolpuża;

(6) Illi – forsi għax kien jum il-Ħadd kif asserixxa l-Maġġur Sammut – ma tteħditx informazzjoni preċiża mill-ewwel dwar il-posizzjoni legali ta' l-attur;

Għaldaqstant jidher ovvju li bħala l-persuna ultimament responsabbli f'każi ta' inkompetenza kif fuq spjegat il-konvenut għandu wkoll jirrispondi – naturalment fil-kwalità ta' Kummissarju għad-danni subiti mill-attur. Il-kompetenza o meno ta' l-uffiċjali ma tiġix stabbilita minn sempliċi dikjarazzjoni, kif donnu jippretendi l-konvenut, f'forma ta' dikjarazzjoni ġuramentata bħal dik ikkontenuta fid-Dok. JC1 – fol. 60 – paragrafu 3 jew l-istqarrija ta' l-Ispettur Brincat a fol. 63. Il-kompetenza għandha tiġi deżunta mill-*modus agendi* ta' l-individwu fiċ-ċirkostanzi partikolari. Il-posizzjoni ta' l-uffiċjali koinvolti fil-viċenda forsi seta' kellha aktar attendibilità li kieku l-inċident ma kienx issuċċeda diġà qabel. Iżda meta wieħed iqis li proprju xahar qabel l-attur kien reġa' ġie miżmum inġustament u ħa l-briga li jmur javża lill-ispettur inkarigat biex ma jerġax jinżamm, allura meta fil-fatt reġa' rrepeta kollox novament dan ma kienx għajr frott ta' inkompetenza pależi attribwibbli lill-konvenut talli qiegħed nies li fiċ-ċirkostanzi in diżamina urew ripetutament li ma kinux kapaċi għall-inkarigu mogħti lilhom;

Rat a fol. 86 in-nota ta' l-appell tal-konvenut u a fol. 87 sa 96 il-petizzjoni ta' l-appell tiegħu li biha talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tiċħad it-talbiet ta' l-attûr bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellat;

Rat a fol. 97 ir-risposta ta' l-appell ta' l-attur appellat li

biha għar-raġunijiet fiha kkontenuti ssottometta li s-sentenza appellata għandha tiġi kkonfermata u għalhekk l-appell għandu jiġi respint bl-ispejjeż kontra l-appellant;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi qabel tgħaddi biex tikkonsidra l-appell din il-Qorti sejra telenka in suċċint l-aggravji ta' l-appellant;

Fl-ewwel lok l-appellant jissottometti li l-kliem "persuna mhux ta' ħila" kif użat fl-artikolu 1080 (illum 1037) tal-Kodiċi Ċivili ma jistax jiġi interpretat fis-sens illi jkopri kwalunkwe impjegat illi jkun xi darba ħati ta' xi negliġenza, nuqqas jew svista fix-xogħol tiegħu iżda huwa intiż biex ikopri biss persuni illi jkunu ġew imqabbda jagħmlu xogħol li huma ovvjament m'humiex kapaċi għalih u illi dan ikun jidher ukoll, jew min ikun qabbadhom imissu nduna wkoll, fil-mument meta dawn il-persuni jkunu ġew oriġinarjament imqabbda;

L-appellant imbagħad isostni li fil-fatt mill-provi prodotti ma jirriżultax illi l-"malintiż" li seta' talvolta ppreġudika lill-attur kien xi ħaġa li tiġri kuljum jew ta' spiss jew illi l-persuni mqabbda biex jagħmlu x-xogħol ta' l-"*Immigration Section*" kienu wrew b'diversi azzjonijiet tagħhom illi ma kinux "ta' ħila" biex *jagħmlu x-xogħol tagħhom*;

L-appellant jissottometti wkoll li l-artikolu 1037 tal-Kodiċi Ċivili dejjem ġie interpretat minn dawn il-Qrati li jfisser li biex

wieħed ikun jista' jdur fuq l-*"employer"* għall-nuqqasijiet ta' impjegati huwa għandu jipprova li l-istess *"employer"* kien negliġenti fix-xelta ta' l-impjegati kkonċernati. F'din il-kawża, skond l-appellant minn imkien ma jirriżulta li l-attur ġab xi provi fis-sens li l-konvenut appellant kien negliġenti fix-xelta ta' l-impjegati kkonċernati;

L-appellant jissottometti li r-raġonament ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti fis-sens li għall-finijiet ta' l-artikolu 1037 tal-Kodiċi Ċivili "l-kompetenza għandha tiġi deżunta mill-*"modus agendi"* ta' l-individwu fiċ-ċirkostanzi partikolari" huwa tali li jġib fix-xejn l-iskop ta' l-istess artikolu 1080 tal-Kodiċi Ċivili. Dana għaliex ir-raġonament in kwistjoni huwa wieħed *"ex post facto"* illi donnu jippreżumi illi kulħadd għandu d-don tal-profezija. Il-fatt li persuna eventwalment tkun ħadmet ħażin ma jfissirx illi din kienet neċessarjament tidher *"ab initio"* illi kienet ser taħdem ħażin. Di più jekk dik il-persuna tkun f'eluf ta' każijiet imxiet sewwa u f'każ partikolari tkun ħadet żball;

Subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess l-appellant issottometta wkoll li l-impieg mal-Gvern inkluż dak fil-Korp tal-Pulizija jingħata skond l-artikolu 113 tal-Kostituzzjoni mill-Prim Ministru li jaġixxi fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u mhux mill-Kummissarju tal-Pulizija. Il-Kummissarju tal-Pulizija huwa biss delegat lilu permezz ta' *'Instrument of Delegation"* tal-25 ta' Jannar, 1966 maħruġ skond l-istess artikolu 113 tal-Kostituzzjoni, il-poter li jaħtar membri fil-Korp tal-Pulizija ta' grad inqas minn *'Sub-Inspector'*. Il-ħatriet tal-gradi minn *'Sub-Inspector'* 'il fuq ma jsirux mill-Kummissarju tal-Pulizija iżda mill-Prim Ministru fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Għalhekk, anke jekk

għall-grazzja ta' l-argument wieħed kellu jikkonċedi illi hemm lok għal azzjoni taħt l-artikolu 1037 tal-Kodiċi Ċivili, il-kontradittur indoneju jista' jkun iċ-*Chairman* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u mhux l-appellanti;

F'dan ir-rigward l-appellant jissottometti illi mill-provi miġjuba mill-attur imkien ma jirriżulta li kien il-konvenut illi mpjega *lill-impjegati kkonċernati fil-Korp tal-Pulizija. Fil-fatt* is-sentenza appellata lanqas iddikjarat min fil-fatt kienu l-uffiċjali tal-Pulizija responsabbli għaż-żamma ta' l-attur mis-safar. Skond l-appellant dikjarazzjoni bħal din kienet neċessarja kemm għaliex wieħed ma jistax isib persuna responsabbli ta' *"culpa in eligendo"* ta' persuna li ma tkunx identifikata u kemm għaliex l-identifikazzjoni tal-peresuna responsabbli tiddetermina min huwa l-kontradittur idoneju fl-azzjoni odjerna;

Fl-aħħarnett l-appellant issottometta illi jekk fil-fatt jirriżulta illi l-persuni responsabbli kienu fil-fatt ġew maħtura mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku lanqas ma jista' jingħad illi l-azzjoni tista' ssir kontra l-konvenut peress illi huwa hu illi jassenja d-dmirijeit lill-membri tal-Korp tal-Pulizija u dan peress illi la darba l-persuni ntgħażlu u ġew mqabbda biex iservu fil-Korp tal-Pulizija fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, l-attur għandu, jippreżumi li l-istess persuni huma ta' ħila biex jagħmlu x-xogħol li normalment jagħmlu membri oħra tal-Korp tal-grad tagħhom inkluż ix-xogħol ta' l-*Immigration Branch;*

Ikkunsidrat:

Illi fl-istorja legali r-responsabbilità ta' min iħaddem għad-danni kkawżati mill-impjegat hija wieħed mill-prinċipji

rikonoxxuti fid-dritt ċivili. Il-bażi ta' din ir-responsabbilità jinstab fil-prinċipju tad-Dritt Ruman *"qui facit per alias facit per se"*. Dan il-prinċipju hu inkorporat fl-artikolu 1037 tal-Kodiċi Ċivili tagħna. L-Ingliżi jaċċettawh taħt id-dottrina ta' *"vicarious liability"*;

L-artikolu 1037 tal-Kodiċi Ċivili jistipula li kull min għal xi xogħol jew servizz ieħor iqabbad persuna mhux ta' ħila, jew illi hu ma jkollux raġun jaħseb li hija ta' ħila, hu obbligat għall-ħsara illi dik il-persuna, minħabba n-nuqqas ta' ħila tagħha, tikkaġuna lil ħaddieħor fl-esekuzzjoni tax-xogħol jew servizz hawn fuq imsemmi;

Biex jiġi invokat b'suċċess dan l-artikolu tal-liġi għalhekk iridu jirriżultaw dawn is-segwenti rekwiżiti u ċjoè:

1) Relazzjoni ta' *"employer/employee"*;

2) *culpa in eligendo;*

3) l-att ta' l-impjegat li jikkawża danni lil terzi;

4) id-danni jkunu riżultat ta' l-inkompetenza ta' l-impjegat;

Dwar l-element ta' relazzjoni ta' *employer/employee* l-Qrati tagħna kostantement sostnew li *"employer"* għall-fini ta' dan l-artikolu jinkludi l-Gvern. (Ara f'dan ir-rigward "Laferla *vs* Vassallo Vol. XXVI.II.226, Downs *vs* V. Sammut *pro et noe* – Vol. XX.I.41, Dr. A. Attard Montalto *noe vs* F. Mitchell *noe et* – Vol. XXVIII.II.280, Azzopardi *vs* Vaudrey – Vol. XXVI.I.472, Borg *vs* Mudie – 13 ta' April, 1931, Prim'Awla;

Galea *vs* Borg – Vol. XXII.II.162; Ellul Bonnici *vs* Compton Domville – Vol. XIX.II.39; P.L. C. Fenech *vs* Gatt – Appell Ċivili 18 ta' Marzu, 1904 u Borg *vs* Gouder – Vol. XXV.I.1106);

Dwar il-figura ta' l-*employee* l-Qrati tagħna segwew l-insenjament tal-*Giorgi* fir-rigward u ċjoè li b'impjegat il-liġi tifhem *"commessco che eseguisce per conto altrui un ufficio, una incombenza qualunque, sia o non retribuito, purchè si noti bene, sotto la dipendenze e sorveglianza, se non di fatto almeno giuridica del committente"*;

Fir-rigward ta' l-element tal-*"culpa in eligendo"* l-Qorti tibda biex tirrepeti dak li qal Sir Adrian Dingli fl-annotazzjonijet tiegħu dwar l-artikolu oriġinali fil-Kodiċi tagħna u ċjoè: *"Le parole 'non ha ragionevole motivo di riputare capace' sono inserite per togliere la responsabbilità di colui che adopera uno del mestiere, che poi si trovi incapace"*;

L-artikolu 1037 imsemmi però ma jgħidx li jkun responsabbli l-*employer* li jqabbad persuna mhux ta' ħila **u** illi ma jkollux raġun jaħseb li hija ta' ħila iżda jagħmel iż-żewġ ipotesijiet alternattivi għal xulxin billi juża l-kelma **jew** u mhux **u**. L-użu tal-kelma **jew** wassal biex tul is-snin il-Qrati tagħna jikkonkludu li għall-fini ta' l-applikazzjoni ta' l-artikolu msemmi jkunu suffiċjenti li jiġi ppruvat jew li l-impjegat kien inkompetenti jew li l-*employer* ma kellux raġun jaħseb li l-impjegat hu ta' ħila. Fil-kawża F. Borg *vs* T. Cooper Mudie *noe* (Vol. XXXVIII.II.58) infatti ġie deċiż illi:

*"..... e, pertanto alla stregua delle testè citata disposizione di legge, per stabbilre la responsabilità del convenuto nomine,*

*è necessario che risulti la incapacità della persona da lui impiegata, cioè del soldato James Surties, nella qualità di guidatore di autovetture, il quale si pretende sia stato la causa diretta del danno lamentato coll'atto di citazione, o almeno è necessario che risulti di non aver il convenuto nomine avuto alcun ragionevole motivo per ritenerlo capace";*

Issa jiżdied ukoll li għall-fini tal-prova ta' l-inkompetenza ta' l-impjegat il-Qrati tagħna bħala regola rrikjedew prova ta' l-inkompetenza tiegħu oġġettivament u dan peress illi *una volta* ppruvata l-kompetenza tiegħu oġġettivament il-fatt li l-istess impjegat ikun negliġenti f'każ li jarreka danni lil terzi mhux bilfors li jirrendi lill-*employer* responsabbli taħt l-artikolu msemmi (Ara f'dan ir-rigward A. Azzopardi *vs* G. Vaudrey *sup. cit.*);

Il-kliem "*mhux ta' ħila*" ossia "incompetente" ġew definiti fis-sentenza *in re* Gasan noe vs Vella *noe* (Vol. XVII.II.238) bħala li jfissru "*inidoneo od infedele*" u fis-sentenza l-oħra *sup. cit. in re* Azzopardi *vs* Vaudrey *noe* bħala li jfissru "*incapace od inidoneo*";

Għall-fini ta' l-alternattiva l-oħra però, ċjoè li l-*employer* qabbad persuna li ma kellux raġun jaħseb li hija ta' ħila l-kriterju użat biex tiġi stabbilita l-kompetenza o meno ta' l-impjegat hu wieħed soġġettiv u jirrisolvi *ruħu fid-domanda* jekk l-"*employer*" kellux raġunijiet biżżejjed biex jikkonsidra l-impjegat li jkun bħala kompetenti (ara G. Maistre *pro et noe vs* D. Testaferrata Bonnici Axiak *et* Vol. XXI.I.361);

Fir-rigward taż-żewġ rekwiżiti l-oħra ċjoè li jrid ikun hemm att ta' l-impjegat li jarreka danni lil terzi u li d-danni jridu jkunu

r-riżultat ta' l-inkompetenza ta' dak l-impjegat m'hemmx wisq x'jista' jingħad għaliex għalihom japplikaw il-prinċipji ġenerali ta' kawża u effett in materja ta' responsabbilità ċivili;

Ikkunsidrat:

Illi jidher mill-aggravji ta' l-appellant li hu qiegħed jilmenta mill-interpretazzjoni li l-Ewwel Qorti tat lill-artikolu msemmi meta ddeċidiet li l-kompetenza għandha tiġi deżunta mill-"*modus agendi*" ta' l-individwu fiċ-ċirkostanzi partikolari;

Illi din il-Qorti wara li ħasbet fit-tul fuq din is-sottomissjoni ma tarax li l-konklużjoni li waslet għaliha l-Ewwel Onorabbli Qorti hija erronea legalment jew li tmur kontra l-ġurisprudenza nostrali in materja. Infatti kieku wieħed kull jaċċetta s-sottomissjonijiet ta' l-appellant dwar il-portata ta' l-artikolu 1037 tal-Kodiċi Ċivili jrid bilfors jasal għall-konklużjoni li dan l-artikolu ma jista' jkun qatt applikabbli kontra l-Gvern jew l-Istat għaliex l-impjegati kollha tal-gvern jiġu ngaġġati a bażi ta' eżamijiet pubbliċi u/jew a bażi ta' ċerti kwalifiki f'ċerti kategoriji. In verità però, u għalhekk din il-Qorti dan qalitu mill-ewwel, il-Qrati tagħna fil-kors tas-snin dejjem irritenew li l-artikolu in kwistjoni japplika wkoll għall-Gvern u wara kollox, anqas il-leġislatur ma eskluda l-Gvern mill-applikazzjoni ta' dan l-artikolu. Issa f'Downs *vs* Sammut *sup. cit.*, *din il-Qorti* qalet li l-kriterju biex jiġi stabbilit jekk l-*employer* kellux raġunijiet biżżejjed biex jikkonsidra t-tali impjegat bħala kompetenti huwa dak tal-*bonus pater familias:*

"*.....o che, adoperata la diligenza di un buon padre di famiglia, egli non trova ragionevole motivo di retenerlo tale*";

L-istess ġie deċiż fis-sentenzi *in re* Gasan *noe vs* Vella *noe* u Azzopardi *vs* Vaudrey *noe* t-tnejn *sup. cit.*;

Fil-fatt għalhekk stante li kif ingħad l-artikolu 1037 jippostula żewġ ipotesijiet li minnhom wieħed jirrikjedi eżami oġġettiv ta' kompetenza u l-ieħor eżami soġġettiv, hu ovvju li ħlief meta tkun ipprospettata ipotesi waħda biss, l-ewwel u qabel kollox għandu f'kull każ jiġi eżaminat l-aspett tal-kompetenza mhux biss mil-lat oġġettiv iżda anki mil-lat soġġettiv u dan l-eżami neċessarjament jinkludi dak tal-"*modus agendi*" ta' l-impjegat kif jirriżulta. Il-lat ta' dottrina legali għalhekk ċertament is-sottomissjonijiet ta' l-appellanti in kwantu ma jaqblux ma' dak li qalet din il-Qorti huma insostenibbli u qegħdin jiġu skartati;

Kwantu jirrigwarda l-fattispeċji tal-każ in diżamina, irriżulta mhux biss inkompetenza rresponsabbli da parti ta' min kien inkarigat mid-diviżjoni partikolari tal-Korp tal-Pulizija rigwardanti tluq ta' passiġġieri minn Malta iżda li din l-inkompetenza grassa rriżulta darbtejn fl-istess każ u dan fi spazju qasir ta' xahar żmien u inoltre rriżultat xorta waħda t-tieni darba minkejja li wara l-ewwel każ l-attur kien ilmenta proprju ma' min kien inkarigat. Inoltre jirriżulta wkoll mingħajr l-iċken dubbju min fil-fatt kien inkompetenti u fejn ma jirriżultaw ismijiet partikolari tirriżulta xorta waħda inkompetenza kolpuża li rriżulta filli persuna li isimha kien ilu almenu xahar li jmissu tneħħa mil-lista ta' persuni milquta minn impediment tas-safar baqa' xorta waħda inkluż f'dik il-lista u dan nonostante avviż u twissija biex tiġi regolarizzata l-posizzjoni. Fil-fatt din il-Qorti fil-każ in deżamina ssib livell għoli ta' inkompetenza kolpuża li arrekat danni konsiderevoli lill-attur u taqbel ma' l-Ewwel Qorti li l-inkompetenza pależi f'dan il-każ hija ultimament attribwibbli lill-konvenut li qiegħed u nqeda b'nies fid-diviżjoni msemmija

tal-Korp li fiċ-ċirkostanzi in deżamina urew rispettivament li ma kinux kapaċi għall-inkariku lilhom mogħti u li għalhekk ma kellux raġuni jaħseb li huma kompetenti;

Rigward is-sottomissjoni l-oħra ta' l-appellant li se mai jmissu ġie mħarrek iċ-*Chairman* tal-*Public Service Commission* dan hu rrilevanti għall-każ. Il-liġi fl-artikolu 1037 tirrferi għal "kull min għal xi xogħol jew servizz ieħor iqabbad persuna....." u dan evidentement ma jeskludix il-konvenut li jekk ma kienx hu in persona li mpjega fis-servizz ċivili lil persuni li rriżultaw inkompetenti għall-aħħar ċertament kien hu li allokalhom ix-xogħol proprju tagħhom u li kien jeżerċita s-sorveljanza fuqhom. Fil-fatt il-kliem ta' l-artikolu 1037 ma hux ristrett għall-figura ta' l-*"employer"* fis-sens strett u ekonomiku ta' kelma imma jestendi għal "kull min għal xi xogħol jew servizz ieħor iqabbad persuna....." u din il-Qorti ma tarax kif jista' l-konvenut iħoss jew jirritjeni ruħu eskluż minn din il-kategorija;

Kwantu jirrigwarda l-*quantum* likwidat mill-Ewwel Onorabbli Qorti in linea ta' danni dovuti lill-attur l-appellat ma għamilx sottomissjonijiet u l-likwidazzjoni magħmula tirriżulta korretta;

Għal dawn il-motivi tiddisponi mill-appell interpost billi tiċħad l-istess u konsegwentement tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjeż ta' din l-istanza jkunu a kariku tal-konvenut appellant.